Kunsill tal-UE

PRESS
MT

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA
711/15
08/10/2015

# Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-futur tal-politika tar-ritorn

1. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li politika koerenti, kredibbli u effettiva fir-rigward tar-ritorn ta' ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali, li tirrispetta b'mod sħiħ id-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità tal-persuni kkonċernati kif ukoll il-prinċipju ta' *non-refoulement,* hija parti essenzjali minn politika komprensiva tal-UE dwar il-migrazzjoni.

2. Il-Kunsill jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar ir-ritorn, li twieġeb għas-sejħa tal-Kunsill Ewropew tal-25 u s-26 ta' Ġunju 2015 li stieden lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi Programm Ewropew ta' Ritorn iddedikat. Il-Pjan ta' Azzjoni[1], kif ukoll il-Manwal ta' Ritorn[2], ippreżentati fid-9 ta' Settembru 2015, jinkludu elementi prammatiċi u operattivi bil-għan li tiżdied il-kapaċità tal-Istati Membri biex iwettqu r-ritorn tal-migranti irregolari, filwaqt li jirrikonoxxi bis-sħiħ il-ħtieġa għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-appoġġ lill-pajjiżi ta' oriġini u ta' transitu.

3. Il-Kunsill Ewropew tal-25 u s-26 ta' Ġunju 2015 stabbilixxa lista ta' azzjonijiet li għandhom jittieħdu fl-oqsma tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni. Sabiex jittieħed kont tal-progress u jkunu identifikati l-kwistjonijiet li fadal, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tirrapporta f'dan is-sens, sa Jannar 2016. Barra minn hekk, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex issegwi malajr b'azzjonijiet konkreti dwar dak li tħabbar fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar ir-ritorn.

4. Jeħtieġ li jiġu allokati riżorsi finanzjarji adegwati sabiex tiżdied l-effettività tas-sistema ta' ritorn tal-UE b'attenzjoni partikolari mogħtija għall-appoġġ lill-Istati Membri li jinsabu taħt pressjoni migratorja qawwija. Il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni ser jappoġġa b'mod sostanzjali l-attivitajiet ta' ritorn tal-Istati Membri, li qegħdin jippjanaw li jiddedikaw aktar minn 800 miljun euro għar-ritorn fil-programmi nazzjonali tagħhom fil-perijodu 2014-2020. Il-finanzjament għall-appoġġ tal-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni tal-persuni rimpatrijati, inkluż bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi, għandu jiġi pprovdut mill-istrumenti kollha adatti, b'mod partikolari l-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza għall-istabbiltà, u li jindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u l-persuni spostati fl-Afrika u minn programmi finanzjarji tal-UE. Il-Kunsill jilqa' wkoll l-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-Faċilità ta' Bini ta' Kapaċità ta' riammissjoni ddedikata, taħt il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF). Barra minn hekk, għandhom jiġi allokati riżorsi adegwati lill-Frontex sabiex tkun tista' żżid sostanzjalment l-appoġġ tagħha dwar ir-ritorn.

5. L-UE u l-Istati Membri tagħha jeħtieġ li jwettqu aktar f'termini ta' ritorn. Rati ta' ritorn akbar għandhom jaġixxu bħala deterrent għall-migrazzjoni irregolari. Id-Direttiva dwar ir-Ritorn[3], fis-seħħ minn Jannar 2009, għandha tiġi applikata b'mod konsistenti u effiċjenti biex ikunu żgurati standards uniformi għolja ta' infurzar u biex jinżamm livell għoli ta' fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tevalwa l-funzjonament u l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn u tidentifika kwalunkwe ostaklu għar-ritorn effettiv, inkluż bl-użu tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen[4]. Abbażi ta' din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni hi mistiedna tagħmel proposti leġislattivi, jekk adatt, għar-rimedju ta' tali ostakoli. Għandu jsir użu aħjar tas-sistemi ta' informazzjoni Ewropej eżistenti, b'mod partikolari tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-Eurodac, li huma għodod importanti li għandhom jittejbu aktar sabiex ikun jista' jsir ġbir, kondiviżjoni u koordinazzjoni aħjar ta' informazzjoni fost l-Istati Membri għal finijiet ta' ritorn. Il-Kunsill jistenna b'interess l-proposti li jmiss mill-Kummissjoni, ibbażati fuq studju ta' fattibilità, biex id-dħul fis-SIS ta' kull projbizzjoni ta' dħul u deċiżjoni ta' ritorn isir obbligatorju, b'mod partikolari biex ikunu possibbli r-rikonoxximent u l-infurzar reċiproku tagħhom, malajr kemm jista' jkun fl-2016. Barra minn hekk, il-leġislazzjoni riveduta dwar il-Fruntieri Intelliġenti, li għandha tiġi ppreżentata qabel tmiem l-2015, għandha tgħin fit-tisħiħ tar-ritorn permezz tal-ħolqien ta' reġistru tal-movimenti transkonfinali kollha ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. B'żieda ma' dan, il-Kunsill jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni rigward l-użu tal-Eurodac għal finijiet ta' ritorn. Aktar minn hekk, l-Istati Membri ser joperazzjonalizzaw in-netwerk ta' punti ta' kuntatt nazzjonali għall-iskambju ta' informazzjoni bil-għan li jiġi ffaċilitat l-irtirar ta' permessi ta' residenza, b'mod partikolari għal migranti b'rekord kriminali, sal-aħħar tal- 2015.

6. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-oqfsa legali u amministrattivi nazzjonali għandhom ukoll rwol importanti fil-ħolqien tal-kondizzjonijiet li jippermettu azzjoni ta' ritorn effettiva tal-UE. B'mod partikolari, jeħtieġ li l-Istati Membri b'mod sistematiku joħorġu deċiżjonijiet ta' ritorn, jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jinfurzawhom u jipprovdu riżorsi adegwati, inkluż il-finanzjament u l-persunal, meħtieġa għall-identifikazzjoni u r-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment. Jeħtieġ li jittieħdu l-miżuri kollha biex ikun żgurat ritorn effettiv tal-migranti irregolari, inkluż l-użu ta' detenzjoni bħala miżura leġittima tal-aħħar għażla. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jirrinfurzaw il-kapaċità tagħhom ta' detenzjoni qabel it-tneħħija biex jiżguraw id-disponibbiltà fiżika tal-

migranti irregolari għar-ritorn u jieħdu passi biex jipprevjenu l-abbuż tad-drittijiet u l-proċeduri.

7. Il-kooperazzjoni prattika dwar ir-ritorn fost l-Istati Membri hija element essenzjali biex tiżdied ir-rata ta' ritorn. Għalhekk, l-Istati Membri huma mħeġġa bil-qawwa biex jagħmlu użu aħjar tal-għarfien espert, u jitolbu, b'mod aktar sistematiku, is-servizzi li attwalment qed jiġu offruti mill-Frontex, bħall-mobilizzazzjoni ta' timijiet ta' skrinjar fl-operazzjonijiet konġunti koordinata tagħha, l-assistenza fl-akkwist ta' dokumenti ta' vvjaġġar ta' migranti, l-organizzazzjoni ta' operazzjonijiet konġunti ta' ritorn u t-taħriġ ta' persunal nazzjonali involuti f'operazzjonijiet ta' ritorn. Min-naħa tagħha l-Frontex għandha tintensifika l-isforzi kollha biex isir użu sħiħ mill-mandat attwali tagħha fl-assistenza lill-Istati Membri f'operazzjonijiet ta' ritorn u attivitajiet rilevanti oħra. Filwaqt li l-Istati Membri huma primarjament responsabbli għat-twettiq tar-ritorn, il-ħolqien immedjat ta' Uffiċċju ta' Ritorn dedikat fil-Frontex għandu jippermettilha li żżid l-appoġġ tagħha lill-Istati Membri biex, fost oħrajn, jiffaċilitaw, jorganizzaw u jiffinanzjaw operazzjonijiet ta' ritorn. Jeħtieġ li l-Frontex tkompli tassisti lill-Istati Membri individwali direttament u tingħata d-dritt li torganizza operazzjonijiet konġunti ta' ritorn fuq inizjattiva tagħha stess, b'kont meħud tal-ħtiġijiet tal-Istati Membri. L-Istati Membri kollha u l-Frontex ser jikkooperaw mill-qrib fit-twettiq ta' rwol partikolarment attiv fl-istabbiliment u l-funzjonament tal-*hotspots* fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' ritorn, kif enfasizzat mill-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Settembru 2015.

8. Il-Kunsill jesprimi l-appoġġ sħiħ tiegħu għat-tisħiħ tal-Frontex u jistenna b'interess il-pakkett leġislattiv li għandu jiġi ppreżentat mill-Kummissjoni f'Diċembru 2015. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tikkunsidra l-istabbiliment ta' Timijiet ta' Intervent Rapidu ta' Ritorn tal-Frontex, li joffru appoġġ għall-identifikazzjoni, kooperazzjoni konsulari ma' pajjiżi terzi, u l-organizzazzjoni ta' operazzjonijiet ta' ritorn mill-Istati Membri, li jibnu fuq l-esperjenzi tal-*hotspots*.

9. Il-Kunsill jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li trawwem u tidderieġi sistema integrata tal-ġestjoni ta' ritorn permezz tal-ħolqien ta' sinerġiji bejn l-Approċċ Ewropew Integrat dwar ir-Ritorn lejn Pajjiżi Terzi (EURINT), in-Netwerk Ewropew ta' Strumenti ta' Riintegrazzjoni (ERIN) u n-netwerk Ewropew ta' Uffiċjali ta' Kollegament dwar ir-Ritorn (EURLO), kif ukoll l-Uffiċjali ta' Kollegament dwar il-Migrazzjoni Ewropej (EMLOs), l-Uffiċjali ta' Kollegament għall-Immigrazzjoni (ILOs) u l-Uffiċjali ta' Kollegament tal-Frontex. Fil-ħidma tagħhom dawn għandhom jappoġġaw lil xulxin reċiprokament billi jevitaw id-duplikazzjoni, biex tittejjeb l-effettività tas-sistema ta' ritorn tal-UE. L-għarfien espert u l-esperjenza tagħhom għandhom ikomplu jiġu kondiviżi mal-Istati Membri għal segwitu possibbli. L-Istati Membri kollha huma mistiedna jikkunsidraw parteċipazzjoni attiva f'dawn in-netwerks. Il-Frontex għandha tiżgura l-koordinazzjoni fil-livell operattiv tas-sistema integrata ta' ġestjoni tar-ritorn.

10. L-għodod kollha għandhom jiġu mobilizzati biex tiżdied il-kooperazzjoni dwar ir-ritorn u r-riammissjoni. L-Istati Membri, il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna ser jipprijoritizzaw ir-riammissjoni fil-kuntatti rilevanti kollha fil-livell politiku mal-pajjiżi ta' oriġini tal-migranti irregolari biex jiżguraw li dawk il-pajjiżi jirċievu messaġġ konsistenti, inkluż dwar il-ħtieġa għal implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-ftehimiet eżistenti ta' riammissjoni fir-rigward tal-Istati Membri kollha. Il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini jeħtieġ li tiffoka wkoll fuq l-identifikazzjoni tal-migranti irregolari u l-ħruġ ta' dokumenti tal-ivvjaġġar. F'dan il-kuntest, il-kooperazzjoni mar-rappreżentanzi diplomatiċi tal-pajjiżi tal-oriġini hija kruċjali u għandha tingħata prijorità. Fil-qasam tal-Affarijiet Interni, il-Kunsill ser ikompli jikkunsidra r-rabta bejn il-faċilitazzjoni tal-viża u l-ftehimiet ta' riammissjoni fil-qafas tal-Kodiċi riformulat dwar il-Viżi, b'mod partikolari billi jiġi żgurat li l-faċilitazzjonijiet tal-viża, kif previsti fil-Kodiċi dwar il-Viżi, jingħataw biss wara li tiġi valutata l-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni mal-Istati Membri kollha.

11. Il-Kunsill jenfasizza li r-riammissjoni ta' ċittadini proprji hija obbligu skont id-dritt konswetudinarju internazzjonali u li l-Istati kollha għandhom jirrispettaw dan l-obbligu. Fir-rigward tal-pajjiżi tal-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (AKP), dan l-obbligu huwa stipulat ulterjorment f'Artikolu 13 tal-Ftehim ta' Cotonou[5] li jorbot lill-Istati parteċipanti kollha biex jaċċettaw lura ċ-ċittadini tagħhom stess mingħajr formalitajiet ulterjuri. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jistinkaw biex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tal-impenji kollha ta' riammissjoni, kemm jekk ikunu saru permezz ta' ftehimiet ta' riammissjoni formali, tal-Ftehim ta' Cotonou jew ta' arranġamenti oħra. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-SEAE, biex rapidament tniedi djalogi bilaterali għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni prattika mal-pajjiżi terzi rilevanti kollha ta' oriġini u ta' transitu għall-migranti irregolari, billi tibni fuq l-esperjenza tal-Istati Membri tal-UE li għandhom rekord ta' operazzjonijiet ta' ritorn b'suċċess lejn dawn il-pajjiżi terzi. Il-Frontex, flimkien man-netwerks iffokati fuq ir-ritorn, għandha tipprovdi appoġġ tekniku u operattiv. Il-Kummissjoni u s-SEAE għandhom jinfurmaw b'mod regolari dwar l-eżitu ta' dawn il-laqgħat u jirrappurtaw dwar il-progress miksub, sa mhux aktar tard minn Ġunju 2016. Abbażi ta' dan, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi direttivi ta' negozjar għal ftehimiet ta' riammissjoni ma' pajjiżi ta' oriġini rilevanti fejn ikun meħtieġ li jiġu fformalizzati arranġamenti ta' kooperazzjoni prattika. B'mod parallel, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li n-negozjati li jinsabu għaddejjin dwar ftehimiet ta' riammissjoni jiġu aċċellerati u konklużi malajr kemm jista' jkun.

12. Il-Kunsill jilqa' l-introduzzjoni tal-prinċipju aktar għal aktar bħala mod biex tiżdied l-influwenza persważiva tal-UE u tal-Istati Membri. Għandu jintuża bilanċ fin ta' inċentivi u pressjoni biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ta' pajjiżi terzi dwar ir-riammissjoni u r-ritorn. Dan il-prinċipju għandu għalhekk jiġi applikat b'mod aktar ġenerali u jintuża attivament b'azzjoni miftehma flimkien, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell nazzjonali, li torbot il-kooperazzjoni mtejba dwar ir-ritorn u r-riammissjoni ma' benefiċċji fl-oqsma kollha tal-politika, ibbażata fuq l-esperjenza tal-proġetti pilota dwar ir-ritorn. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex, flimkien mas-SEAE, tipproponi, fi żmien sitt xhur, pakketti komprensivi u mfassla apposta li għandhom jintużaw fil-konfront ta' pajjiżi terzi sabiex jiġu rimedjati il-problemi li jkunu nqalgħu waqt l-implimentazzjoni ta' riammissjoni effettiva. Tali pakketti għandhom jiġu implimentati

immedjatament wara. Għandha tintuża l-kondizzjonalità fejn ikun adatt bil-għan li titjieb il-kooperazzjoni. F’dan il-kuntest, l-Istati Membri huma inkoraġġuti jidentifikaw mezzi ta' influwenza persważiva fl-oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza nazzjonali tagħhom.

Id-djalogi ta’ livell għoli mmexxija mir-Rappreżentant Għoli, f’kooperazzjoni mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni, għandhom jgħinu fl-identifikazzjoni ta’ mezzi ta' influwenza persważiva u fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni.

13. Il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' transitu hija essenzjali għal operazzjonijiet ta’ ritorn b’suċċess. Fil-futur qarib, l-UE ser tesplora s-sinerġiji tad-diplomazija tal-UE fuq il-post, permezz tad-delegazzjonijiet tal-UE, u b’mod partikolari permezz tal-Uffiċjali ta’ Kollegament dwar il-Migrazzjoni Ewropej (EMLOs), li għandhom jiġu mobilizzati sa tmiem l-2015 fl-Eġittu, il-Marokk, il-Libanu, in-Niġer, in-Niġerja, is-Senegal, il-Pakistan, is-Serbja, l-Etjopja, it-Tuneżija, is-Sudan, it-Turkija u l-Ġordan.

14. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE, kif ukoll lill-Istati Membri, b’mod partikolari permezz tar-rappreżentanzi tagħhom barra l-UE, b’kooperazzjoni mill-qrib mal-uffiċjali ta’ kollegament imsemmija fil-paragrafu 9, biex jippromwovu *laissez-passer* tal-UE (dokument tal-ivvjaġġar standard għat-tkeċċija ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi)[6] li għandu jsir id-dokument tal-ivvjaġġar aċċettat b’mod komuni mill-pajjiżi terzi għal finijiet ta’ ritorn. Barra minn hekk, l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jużaw aktar regolarment il-*laissez-passer* tal-UE fl-operazzjonijiet ta’ ritorn.

15. B'rikonoxximent li l-appoġġ għal riintegrazzjoni mhux prekondizzjoni għar-ritorn, jinħtieġu sforzi addizzjonali f'termini ta' appoġġ għar-riintegrazzjoni biex tkun żgurata s-sostenibbiltà tar-ritorn. Il-kooperazzjoni prattika mal-awtoritajiet lokali jeħtieġ ukoll li tissaħħaħ biex titjieb il-kapaċità tagħhom fir-riammissjoni taċ-ċittadini tagħhom b’mod effiċjenti u f’waqtha.

16. Programmi ta’ ritorn volontarju huma ġeneralment implimentati mill-amministrazzjonijiet nazzjonali f’għadd ta’ pajjiżi terzi. Fejn adatt, l-Istati Membri għandhom ifasslu u jimplimentaw proġetti ta’ riintegrazzjoni konġunta li jsiru aktar komprensivi u kosteffiċjenti, minħabba l-ekonomija ta’ skala. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mill-finanzjament disponibbli, minbarra d-dispożizzjonijiet tal-AMIF, li huwa pprovdut mill-Kummissjoni. Il-Kunsill jilqa’ l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tivverifika u tivvaluta permezz tan-Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni jekk id-disparitajiet fost il-programmi tar-ritorn u tar-riintegrazzjoni tal-Istati Membri jistgħux iwasslu għal xiri ta’ ritorn.

17. L-UE għandha tanalizza l-iżvilupp sikur u sostenibbli ta' kapaċitajiet ta’ akkoljenza u li jipprovdu prospetti fit-tul u proċeduri adegwati għar-refuġjati u l-familji tagħhom f’reġjuni f’pajjiżi terzi milquta minn pressjoni migratorja, sakemm ir-ritorn lejn il-pajjiż ta’ oriġini jkun possibbli. Ladarba jintlaħqu l-kondizzjonijiet stabbiliti bid-Direttiva 2013/32/UE[7], b'mod partikolari l-prinċipju ta' non-refoulement imsemmi fl-Artikolu 38 tagħha, l-Istati Membri jkunu f’pożizzjoni li jqisu l-applikazzjonijiet għall-asil ta’ dawn il-persuni inammissibbli għal raġunijiet ta’ pajjiż terz sikur f'konformità mal-Artikolu 33 tad-Direttiva msemmija, u wara dan ikun jista' jsegwi r-ritorn assistit rapidu. B'mod parallel, għandhom jiġu eżaminati kapaċitajiet reġjonali simili għar-ritorn rapidu ta' dawk li ma jikkwalifikawx għal protezzjoni internazzjonali.

---

[1] Dok. 11846/15
[2] Dok. 11847/15
[3] Din id-Direttiva ma tapplikax għal UK, IE u DK f'konformità mal-Protokolli Nru 21 u 22, annessi mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
[4] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013, ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.
[5] Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000; Ġurnal Uffiċjali L 317, 15/12/2000 P. 0003 – 0353.
[6] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta’ Novembru 1994 dwar l-adozzjoni ta’ dokument ta’ vjaġġar standard għat-tkeċċija ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi.
[7] Din id-Direttiva ma tapplikax għal UK, IE u DK f'konformità mal-Protokolli Nru 21 u 22, annessi mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

**Press office - General Secretariat of the Council of the EU**
Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319
press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press